32004D0554

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Lulju 2004

li temenda l-Anness E mad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE u l-Anness I mad-Deċiżjoni 79/542/KEE rigward l-aġġornament taċ-ċertifikati tas-saħħa mudell relatati ma' annimali bovini u kaprini

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 1926)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/554/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Konformi mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE [1] tat-12 ta' Diċembru 1972 fuq problemi ta' saħħa u spezzjonijiet veterinarji ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini u majjali, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) ta' din.

Konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 fuq kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li tirregola l-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali ovini u kaprini [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 (2) ta' din,

Billi:

(1) Il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali ovini u kaprini għat-tnissil hu stipulat bħala Mudell III ta' l-Anness E mad-Direttiva 91/68/KEE.

(2) Il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjoni ta' annimali ovini u kaprini domestiċi minn pajjiżi terzi hu stipulat bħala "OVI-X" f'parti 2 ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li jagħti lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li jistipula l-kundizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja u tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali, għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom [3]

(3) F' konformità ma' Parti I ta' Kapitolu A ta' l-Anness VIII u Kapitolu E ta' l-Anness IX mar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistipulaw regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qirda ta' ċerti enċefalopatiji spongiformi [4] trasmissibbli, ċerti kundizzjonijiet meħtieġa fil-kummerċ u fl-importazzjoni ta' annimali ovini u kaprini għat-tnissil ġew mibdula sabiex jirriflettu strateġija aktar vigoruża għall-qirda ta' l-iskrapie.

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28. Direttiva, kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).

[2] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19. Direttiva, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/50/KE (ĠU L 169, tat-8.7.2003, p. 51).

[3] ĠU L 146, ta' l-14.6.79, p. 15. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-kummisjoni 2004/372/KE (ĠU L 118, tat-23.4.2004, p.45).

[4] ĠU L 147, tal-31.5.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 876/2004 (ĠU L 162, tat-30.4.2004, p. 52).

(4) Hu neċessarju li ċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali Mudell III fl-Anness E mad-Direttiva 91/68/KEE u ċ-ċertifikat mudell OVI X fl-Anness I mad-Deċiżjoni 79/542/KEE jiġu allineati mar-regoli aġġornati.

(5) Id-Direttiva 91/68/KEE u d-Deċiżjoni 79/542/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.

(6) Il-miżuri li tipprovdi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Mudell III fl-Anness E mad-Direttiva 91/68/KEE hu sostitwit mit-test fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Mudell OVI-X f' PARTI 2 ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni 79/542/KEE hu sostitwit mit-test fl-Annex II ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Ġunju 2004.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fid-9 ta' Lulju 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"Mudell III

1. **Kunsinjatur** (isem u indirizz sħiħ)	ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA[1] **għal kummerċ bejn stati membri ta' l-unjoni ewropea ta' annimali ovini u kaprini għat-tnissil.** Nru ORIĠINALI 3. STAT MEMBRU .....
2. **Destinatarju** (isem u indirizz sħiħ)	4. **Awtorità Kompetenti** 4.1 Ministeru: ..... 4.2 Dipartiment ....
5. **Post tat-tagħbija**:.....	
6. **Mezz ta' trasport**[2] 6.1 **Tip**..... 6.2 **Identifikazzjoni**	7. **Stabbiliment(i) minn fejn oriġina** 7.1 Isem u indirizz ta' l-azjenda [4] : ....
8. **Destinazzjoni ta' l-annimali** 8.1 Stat Membru ta' l-UE:..... 8.2.1 Isem u indirizz ta' l-azjenda [4] 8.2.2 Isem, indirizz u numru tar-reġistrazzjoni tal-punt tal-ġbir approvat fl-Istat Membru minn fejn oriġinaw [4]	7.2 Isem, indirizz u numru tar-reġistrazzjoni tal-punt tal-ġbir approvat [4] ....
9. **Numru ta' annimali**	

10. **Identifikazzjoni ta' l-annimali**

10.1 Speċi(i) ta' l-annimali: ..... razza .....

10.2 Identifikazzjoni individwali ta' l-annimali f'din il-konsenja

Identifikazzjoni individwali uffiċjali [3]	Età (xhur) u Sess (♀ ♂ Ikkastrat)	Numru ta' annimali
		.
		.
		.
		.

11. **Oriġini ta' l-annimali**

L-annimali kienu:

a) imwielda u mrobbija sa mit-twelid f'territorju tal-Komunità [4]

jew

b) impurtati minn pajjiż terz li jissodisfa l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE f'konformità ma' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 72/462/KEE[4]

12. **Informazzjoni dwar is-saħħa**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin

12.1 huma kienu spezzjonati llum (fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija) u ma juru ebda sinjal kliniku ta' mard;

12.2 mhumiex annimali li jridu jinqerdu taħt skema għall-qirda ta' xi marda li tittieħed jew li tinfetta;

12.3 ma ġewx minn azjenda li hija suġġetta għal projbizzjoni fuq bażi ta' saħħa ta' l-annimali u li ma kellhomx kuntatt ma' annimali minn tali azjenda, fejn huwa mifhum li:

12.3.1 tali projbizzjoni hi konnessa mat-tifqigħa ta' waħda mill-mardiet li ġejjin li għalihom l-annimali huma suxxettibbli:

- bruċellosi,
- rabja,
- anthrax;

12.3.2 wara l-qtil u/jew qirda ta' l-aħħar annimal li jsofri minn jew hu suxxettibbli għal waħda mill-mardiet hawn fuq imsemmija, id-dewmien tal-projbizzjoni jrid ikun mill-anqas ta':

- 42 ġurnata fil-każ ta' bruċellosi,
- 30 ġurnata fil-każ ta' rabja,
- 15-il ġurnata fil-każ ta' anthrax;

12.3.3 ma jkunux ġejjin minn azjenda u lanqas ikunu ġew f'kuntatt ma' annimali minn azjenda f'żona ta' protezzjoni li twaqqfet taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità u li minnha huma pprojbiti li jitilqu annimali;

12.3.4 mhumiex suġġetti għal miżuri tas-saħħa ta' l-annimali konformi mal-leġislazzjoni tal-Komunità fuq il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u lanqas ma ġew imlaqqma kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

12.4 huma baqgħu f'azjenda ta' oriġini waħda għal perjodu ta' mill-anqas 30 ġurnata qabel it-tagħbija, jew sa minn meta twieldu fl-azjenda ta' l-oriġini meta l-annimali għandhom anqas minn 30 ġurnata, u ebda annimal ta' l-ispeċi ovina jew kaprina ma ġie introdott fl-azjenda ta' l-oriġini matul l-aħħar 21 ġurnata qabel it-tagħbija u ebda annimal bi dwiefer doppji importat minn pajjiż terz ma ġie introdott fl-azjenda ta' l-oriġini matul it-30 ġurnata qabel ma ntbagħtu mill-azjenda ta' l-oriġini, sakemm dawk l-annimali ma ġewx introdotti f'konformità ma' l-Artikolu 4a (2) tad-Direttiva 91/68/KEE;

12.5 huma konformi mal-garanziji addizzjonali maħsuba fl-Artikoli 7 jew 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE u stipulati għall-Istat Membru li għalih huma destinati jew parti mit-territorju tiegħu ..... [ikteb l-Istat Membru jew parti mit-territorju tiegħu] fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ...../...../KE [4].

12.6 huma konformi ma' mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin fi 12.6.1., 12.6.2. jew 12.6.3. u għalhekk jikkwalifikaw għall-ammissjoni f'azjenda ovina jew kaprina li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi, (B. melitensis) [4]:

12.6.1 l-azjenda ta' l-oriġini tinsab fi Stat Membru jew parti mit-territorju tiegħu .....
[ikteb l-isem ta' l-Istat Membru jew parti mit-territorju tiegħu] li hu identifikat bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellosi skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni...../...../KE [4] , jew

12.6.2 huma ġejjin minn azjenda li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (B. melitensis) [4]; jew

12.6.3 huma ġejjin minn azjenda li hija ħielsa mill-bruċellosi (B. melitensis) u

i) huma identifikati individwalment, u

ii) qatt ma ġew imlaqqma kontra l-bruċellosi jew jekk ġew imlaqqma kienu mlaqqma aktar minn sentejn qabel jew huma tas-sess femminili li għandhom aktar minn sentejn li ġew imlaqqma qabel l-età ta' seba' xhur, u

iii) ġew iżolati taħt superviżjoni uffiċjali fl-azjenda ta' l-oriġini u, matul tali iżolament, għaddew, b'riżultati negattivi, żewġ testijiet għall-bruċellosi f'konformità ma' l-Anness Ċ mad-Direttiva 91/68/KEE, separati b'intervall ta' mill-anqas sitt gimgħat [4] ;

12.7 huma konformi ma' mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet fi 12.7.1., 12.7.2. jew 12.7.3. u għalhekk jikkwalifikaw għall-ammissjoni f'azjenda ovina jew kaprina li hi ħielsa mill-bruċellosi, (B. melitensis) [4]:

12.7.1 huma ġejjin minn azjenda li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (B. melitensis) [4]; jew

12.7.2 huma ġejjin minn azjenda li hija ħielsa mill-bruċellosi (B. melitensis) [4] ; jew

12.7.3 sad-data tal-kwalifika fil-pjanijiet tal-qirda approvati skond id-Deċiżjoni 90/242/KEE, huma joriġinaw minn azjenda li mhijiex dik li hemm referenza għaliha fi 12.7.1. u 12.7.2. u li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

i) huma identifikati individwalment, u

ii) joriġinaw minn azjenda li fiha l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli għall-bruċellosi (B. melitensis) ilhom ħielsa minn sintomi kliniċi jew kwalunkwe sintomi oħra ta' bruċellosi għal mill-anqas 12-il xahar; u

iii) jew:

- ma ġewx imlaqqma kontra l-bruċellosi (B. melitensis) fl-aħħar sentejn, u

- ġew iżolati taħt superviżjoni veterinarja fl-azjenda ta' l-oriġini u, matul tali iżolament, għaddew, b'riżultati negattivi, żewġ testijiet għall-bruċellosi f'konformità ma' l-Anness Ċ mad-Direttiva 91/68/KEE, separati b'intervall ta' mill-anqas sitt ġimgħat [4],

jew

- kienu mlaqqma bil-vaċċin Rev. 1 qabel l-età ta' seba' xhur u

- ma kinux imlaqqma fil-15-il ġurnata qabel id-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa [4];

12.8 fir-rigward ta' epididymitis ta' l-imtaten li tittieħed (B. ovis), fejn huma involuti mtaten għat-tnissil mhux ikkastrati, huma:

i) għandhom jiġu minn azjenda fejn ebda każ ta' epididymitis ta' l-imtaten li tittieħed (B. ovis) ma ġie rreġistrat fl-aħħar 12-il xahar, u

ii) kellhom jinżammu b'mod permanenti f'dik l-azjenda għas-60 ġurnata qabel il-konsenja, u

iii) kellhom jgħaddu, fi żmien 30 ġurnata qabel il-konsenja, b'riżultat negattiv, test għall-epididymitis ta' l-imtaten li tittieħed (B. ovis) f'konformità ma' l-Anness D mad-Direttiva 91/68/KEE;

12.9 safejn jaf il-firmatarju ta' hawn taħt u skond id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mill-propjetarju, dawn la nkisbu minn azjenda u lanqas ġew f'kuntatt ma' annimali minn azjenda li fiha kienu klinikament osservati l-mardiet li ġejjin:

i) fl-aħħar sitt xhur, agalactia tan-nagħaġ li tittieħed (Mycoplasma agalactiae) u agalactia tal-mogħoż li tittieħed (Mycoplasma agalactiae, M. capricolum, M. mycoides subsp. mycoides 'large colony'),

ii) fl-aħħar 12-il xahar, paratuberkulosi jew 'caseous' lymphadenitis,

iii) fl-aħħar tliet snin, adenomatosi pulmonarja, maedi/visna jew artrite/enċefalite virali kaprina. Madankollu, dan il-limitu huwa mnaqqas għal 12-il xahar jekk annimali milquta minn maedi/visna jew artrite/enċefalite virali kaprina nqatlu u l-annimali li baqa' rreaġixxew b'mod negattiv għal żewġ testijiet,

12.10 fir-rigward ta' *scrapie*, l-annimali jissodisfaw il-kundizzjonijiet maħsuba f'punt (a) ta' Parti I ta' Kapitolu A ta' l-Anness VIII mar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

12.10.1 jekk huma destinati għal Stat Membru li jibbenefika, għat-territorju tiegħu kollu jew parti minnu, mill-provvedimenti stipulati f'punt (b) jew (c) ta' Parti I f'Kapitolu A fl-Anness VIII mar-Regolament (KE) Nru 999/2001 huma konformi mal-garanziji addizzjonali stipulati għall-Istat Membru li għalih huma ddestinati jew parti mit-territorju tiegħu ..... [ikteb l-Istat Membru jew parti mit-territorju tiegħu] fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru ……/…../ [4].

13.1	L-annimali ġew ittrasportati permezz ta' mezzi ta' transport u żamma li kienu, minn qabel, ġew imnaddfa u diżinfettati bl-użu ta' diżinfettant approvat uffiċjalment, u b'tali mod li jipprovdi protezzjoni effettiva għall-istat ta' saħħa ta' l-annimali.
13.2	Skond id-dokumentazzjoni uffiċjali li takkumpanja l-annimali l-konsenja koperta b'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa beda l-vjaġġ fil- ..... [ikteb id-data] (5).
13.3	Fil-ħin ta' l-ispezzjoni l-annimali kienu f'kundizzjoni tajba biex jiġu trasportati għall-vjaġġ maħsub f'konformità mal-provvedimenti tad-Direttiva 91/628/KEE (6).
14.	Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ġranet mid-data ta' l-ispezzjoni.

14.1 **Timbru uffiċjali u firma** Timbru	14.2 **Magħmula fi:** ..... [ikteb il-post ta' l-ispezzjoni]
	14.3 **Magħmula nhar:** ..... [ikteb id-data ta' l-ispezzjoni]
	14.4 **Firma tal-veterinarju uffiċjali** .... [ikteb l-isem u l-kariga b'ittri kbar]

Noti indikattivi

(1) Ċertifikati tas-saħħa jistgħu jinkitbu biss għal annimali li ser jiġu trasportati fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk, ajruplan jew dgħajsa/vapur, li joriġinaw mill-istess azjenda u li qed jintbagħtu lill-istess destinatarju.

(2) Agħti n-numru tar-reġistrazzjoni fil-każ ta' vaguni tal-ferrovija u trakkijiet, in-numru tat-titjira fil-każ ta' ajruplan u l-isem fil-każ ta' dgħajjes u vapuri.

(3) Iddikjara n-numru u l-post.

(4) Aqta' fejn mhux applikabbli.

(5) Fil-każ fejn konsenja hija miġbura f'punt tal-ġbir u tinkludi annimali li tgħabbew f'dati differenti, id-data li fiha nbeda l-vjaġġ għall-konsenja kollha titqies bħala l-ewwel data meta kwalunkwe parti mill-konsenja telqet mill-azjenda ta' l-oriġini.

(6) Din l-istqarrija ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligi tagħhom skond il-provvedimenti tal-Komunità li hemm fis-seħħ b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjoni tajba ta' annimali li ser jiġu ttrasportati.

ANNESS II

Mudell OVI-X

1. **Kunsinjatur** (isem u indirizz sħiħ)
.....
.....
.....
.....

2. **Destinatarju** (isem u indirizz sħiħ)
.....
.....
.....
.....

5. **Destinazzjoni maħsuba ta' l-annimali**
5.1 Stat Membru ta' l-UE: .....
5.2 Isem, indirizz u numru tar-reġistrazzjoni ta' l-azjenda:
.....
.....
.....
.....
.....

7. **Mezz ta' transport u identifikazzjoni tal-konsenja**[4]
7.1 (Trakk, Vagun tal-ferrovija, Vapur, jew Ajruplan)[5]
7.2 Numru(i) tar-reġistrazzjoni, isem tal-vapur jew numru tat-titjira : .....
.....
7.3 Dettalji ta' identifikazzjoni tal-konsenja[6]:
.....
.....
.....

ĊERTIFIKAT VETERINARJU
għal ovini u kaprini[1] **domestiċi għat-tnissil u/jew il-produzzjoni, ikkonsenjati lill-Komunità Ewropea**

Nru[2] ORIĠINALI

3. **Oriġini ta' l-annimali**[3]
3.1 Pajjiż : .....
3.2 Kodiċi tat-territorju : .....

4. **Awtorità Kompetenti**
4.1 Ministeru: .....
4.2 Servizz: .....
.....
4.3 Livell Lokali/Reġjonali: .....
.....
.....

6. **Stabbiliment(i) u post tat-tagħbija għall-esportazzjoni**
(isem u indirizz ta' l-istabbiliment(i))
6.1 Azjenda(i) : .....
.....
.....
.....
.....
.....
.....
6.2 Punt tal-ġbir approvat [6][7]: .....
.....
.....

8. **Identifikazzjoni ta' l-annimali u testijiet**
8.1 Speċi ta' annimali u/jew razez imħallta: .....
8.2 Identifikazzjon individwali ta' l-annimali f'din il-konsenja[8]:

Numri ta' identifikazzjoni uffiċjali[8]	Età u Sess[9]	Testijiet[6][10]

8.3 Numru totali ta' annimali (ċifra u ittri): .....

9.	**Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika**
	Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat :
9.1	ġejjin minn azjendi li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali fuq bażi ta' saħħa, għal dawn l-aħħar 42 ġurnata fil-każ ta' bruċellosi, għal dawn l-aħħar 30 ġurnata fil-każ ta' anthrax, għal dawn l-aħħar sitt xhur fil-każ ta' rabja, u ma kellhomx kuntatt ma' annimali minn azjendi li ma ssodisfawx dawn il-kundizzjonijiet;
9.2	ma rċevewx: - kwalunkwe sustanza *stilbene* jew *thyrostatic*, - sustanzi estrogeniċi, androgeniċi, ġestaġeniċi jew β- agonisti ħlief għal skopijiet ta' trattament terapewtiku jew żootekniku (kif iddefinit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).
10.	**Ċertifikazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali**
	Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa li ġejjin:
10.1	huma ġejjin mit-territorju bil-kodiċi :…… [3] li, fid-data li fiha nħare dan iċ-ċertifikat:
[5] *jew*	[a) ilu ħieles għal 24 xahar mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, għal 12-il xahar minn rinderpest, bluetongue, deni tar-Rift valley, peste des petits ruminants, ġidri tan-nagħaġ u ġidri tal-mogħoż, pleuro-pneumonia kaprina li tittieħed u l-marda emorraġika epiżootika u għal 6 xhur minn stomatite vesikulari, u]
[5] *jew*	[a) i) ilu ħieles għal 12-il xahar minn rinderpest, bluetongue, deni tar-Rift valley, peste des petits ruminants, ġidri tan-nagħaġ u ġidri tal-mogħoż, pleuro-pneumonia kaprina li tittieħed u l-marda emorraġika epiżootika, u għal 6 xhur minn stomatite vesikulari, u ii) ilu kkunsidrat ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, sa mill- …… *(data)*, mingħajr ma kellu każijiet/tifqigħ wara, u awtorizzat li jesporta dawn l-annimali bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ----/----/KE, ta' …… *(data)* ,u] b) fejn tul l-aħħar 12-il xahar, ma sar ebda tilqim kontra dawn il-mardiet u l-importazzjoni ta' annimali domestiċi b'difirhom mifruq imlaqqma kontra dawn il-mard mhix permessa;
10.2	huma baqgħu fit-territorju deskritt taħt punt 10.1 sa mit-twelid, jew mill-anqas għall-aħħar sitt xhur qabel id-dispaċċ lejn il-Komunità Ewropea u mingħajr kuntatt ma' annimali b'difirhom mifruq importati għall-aħħar 30 ġurnata;
10.3	huma baqgħu sa mit-twelid jew mill-anqas 40 ġurnata fl-azjenda(i) deskritta taħt punt 6.1 qabel id-dispaċċ: a) fi u madwar liema, f'żona b'raġġ ta' 150 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa ta' bluetongue u marda emorraġika epiżootika matul il-100 ġurnata ta' qabel, u b) fi u madwar liema, f'żona b'raġġ ta' 20 km, ma kien hemm ebda każ/tifqigħa tal-mardiet l-oħra msemmija taħt punt 10.1 matul l-40 ġurnata ta' qabel;
10.4	safejn naf jien u skond id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mill-propjetarju, l-annimali: a) ma jiġux minn azjendi, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn azjenda, li fiha ġew osservati klinikament il-mardiet li ġejjin: i) agalactia ta' nagħaġ jew mogħoż li tittieħed (*Mycoplasma agalactiae, Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides var. mycoides 'large colony'*), fl-aħħar sitt xhur, ii) paratuberkulosi u caseous lymphadenitis, fl-aħħar 12-il xahar, iii) adenomatosi pulmonarja, fl-aħħar tliet snin, u iv) Maedi/Visna jew artrite/enċefalite virali kaprina:
[5]	[fl-aħħar tliet snin,]
[5] *jew*	[fl-aħħar 12-il xahar, u l-annimali kollha infettati nqatlu u l-annimali li baqa' sussegwentement irreaġixxew b'mod negattiv għal żewġ testijiet magħmula fi żmien ta' mill-anqas sitt xhur minn xulxin,]
	b) huma inklużi f'sistema uffiċjali għan-notifikazzjoni ta' dawn il-mardiet, u c) ilhom ħielsa minn evidenza klinika jew ta' xorta oħra ta' tuberkolosi u bruċellosi matul it-tliet snin qabel l-esportazzjoni;
10.5	mhumiex annimali li jridu jinqatlu taħt programm nazzjonali għall-qirda ta' mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mardiet imsemmija taħt punt 10.1;
10.6 A	huma joriġinaw:
[5] [11]	[mit-territorju deskritt taħt punt 3.2, li ġie ddikjarat uffiċjalment bħala ħieles mill-bruċellosi;]
[5] *jew*	[mill-azjenda(i) deskritta taħt punt 6.1, fejn, dwar il-bruċellosi (*Brucella melitensis*): a) l-annimali kollha suxxettibbli ilhom ħielsa minn sinjali kliniċi jew kwalunlwe sinjal ieħor ta' din il-marda għall-aħħar 12-il xahar; b) ammont rappreżentattiv ta' l-annimali ovini u kaprini ta' età akbar minn sitt xhur huma sottomessi kull sena għal test seroloġiku;[12]

[5][13] *jew*	[c)	l-annimali ovini jew kaprini kollha ma tlaqqmux kontra din il-marda, ħlief dawk imlaqqma bit-tilqima Rev. 1 aktar minn sentejn ilu,
	d)	l-aħħar żewġ testijiet [14], separati b'intervall ta' mill-anqas sitt xhur, magħmula fil- ..... *(data)* u fil- ..... *(data)* fuq l-annimali ovini u kaprini kollha ta' età akbar minn sitt xhur kellhom riżultati negattivi, u]
[5] *inkella*	[c)	annimali ovini jew kaprini taħt l-età ta' 7 xhur tlaqqmu kontra din il-marda bit-tilqima Rev. 1,
	d)	l-aħħar żewġ testijiet [14], separati b'intervall ta' mill-anqas sitt xhur, magħmula: - fil- ..... *(data)* u fil- ..... *(data)* fuq l-annimali ovini u kaprini kollha mhux imlaqqma ta' età akbar minn sitt xhur, u - fil- ..... *(data)* u fil- ..... *(data)* fuq l-annimali ovini u kaprini kollha mlaqqma ta' età akbar minn 18-il xahar kellhom riżultati negattivi, u]
	e)	hemm biss annimali ovini u kaprini li jissodisfaw ta' l-anqas il-kundizzjonijiet meħtieġa msemmija hawn fuq;]
[5]	[10.6 B l imtaten li mhumiex ikkastrati matul is-60 ġurnata ta' qabel inżammu kontinwament f'azjenda fejn ma nstab ebda każ ta' epididymitis (*Brucella ovis*) li tittieħed fl-aħħar 12-il xahar u, matul it-30 ġurnata ta' qabel dawn l-imtaten għaddew minn *complement fixation test* biex tinstab l-epididymitis li tittieħed b'riżultat ta' anqas minn 50 IU/ml;]	
10.6 C	Rigward l-i*scrapie*	
[5] [16]	[10.6.C.1 jekk huma ddestinati għal Stat Membru li jibbenefika, għat-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, mill-provvedimenti stipulati f'punt (b) jew (c) ta' Kapitolu A(I) ta' l-Anness VIII mar-Regolament (KE) Nru 999/2001, l-annimali jissodisfaw il-garanzijij maħsuba fil-programmi li għalihom hemm referenza f'dak il-punt u l-annimali jissodisfaw il-garanziji rikjesti mill-Istati Membri ta' l-UE li għalihom huma ddestinati rigward l-i*scrapie*, u]	
jew		
[5]	[10.6.Ċ.2 huma annimali maħsuba għall-produzzjoni mwielda u kontinwament imrobbija f'azjendi li fihom qatt ma ġie osservat każ ta' *scrapie*;]	
[5] [15]	[10.6.Ċ.2 għal annimali għat-tnissil iċċertifikati sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2004 huma twieldu u trabbew kontinwament f'azjendi fejn qatt ma ġie osservat każ ta' *scrapie* u li ssodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa li ġejjin għal mill-anqas tliet snin: - huma suġġetti għal kontrolli veterinarji uffiċjali regolari, - l-annimali huma mmarkati, - kontrolli bit-teħid ta' kampjuni ta' annimali femminili xjuħ magħżula għall-qatla huma magħmula fl-azjenda, u - nagħaġ femminili huma introdotti fl-azjenda biss jekk ġejjin minn azjenda li tissodifa l-kundizzjonijiet meħtieġa ta' hawn fuq;]	
[5] [15]	[10.6.C.2 għal annimali ċċertifikati bejn l-1 ta' Lulju 2004 u t-30 ta' Ġunju 2007: huma twieldu u trabbew kontinwament f'azjendi li ssodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa li ġejjin	
	1	qatt ma ġie osservat ebda każ ta' *scrapie*, u
	2	għal mill-anqas tliet snin qabel iċ-ċertifikazzjoni
	2.1	l-azjendi huma suġġetti għal kontrolli veterinarji uffiċjali regolari,
	2.2	l-annimali fl-azjendi huma mmarkati,
	2.3.1	annimali femminili xjuħ magħżula għall-qatla huma kkontrollati b'teħid ta' kampjuni, u
	2.3.2	l-annimali kollha li għandhom aktar minn 18-il xahar li mietu jew inqatlu wara l-1 ta' Lulju 2004 (ħlief l-annimali maqtula fl-istruttura ta' kampanja għall-qirda ta' xi mard jew maqtula għall-konsum uman) ġew eżaminati għall-i*scrapie* skond il-metodi tal-laboratorju stipulati fl-Anness X, Kapitolu Ċ, punt 3.2(b) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001,
	2.4.1	annimali femminili jiġu biss introdotti fl-azjenda jekk ġejjin minn azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa f'1, 2.1. 2.2., 2.3.1., u
	2.4.2	mill-1 ta' Lulju 2004, annimali ovini u kaprini, bl-eċċezzjonji ta' nagħaġ tal-ġenotip ARR/ARR *prion protein* ġew introdotti biss fl-azjenda jekk ġejjin minn azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa f'1, 2.1, 2.2., 2.3.1. 2.3.2 u 2.4.1]

(5) (15)	[10.6.C.2 għal annimali ċċertifikati wara l-1 ta' Lulju 2007: huma twieldu u trabbew kontinwament f'azjendi li fihom qatt ma ġie osservat każ ta' *scrapie* u li ssodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa li ġejjin għal mill-anqas tliet snin: - huma suġġetti għal kontrolli veterinarji uffiċjali regolari, - l-annimali huma mmarkati, - l-annimali kollha li għandhom aktar minn 18-il xahar li mietu jew inqatlu fl-azjendi (minbarra l-annimali maqtula fl-istruttura ta' kampanja għall-qirda ta' xi mard jew maqtula għall-konsum uman) ġew eżaminati għall-i*scrapie* skond il-metodi tal-laboratorju stipulati fl-Anness X, Kapitolu Ċ, punt 3.2(b) mar-Regolament (KE) Nru 999/2001, u - annimali ovini u kaprini, bl-eċċezzjoni ta' nagħaġ tal-ġenotip ARR/ARR *prion protein* ġew introdotti biss fl-azjenda jekk ġejjin minn azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa hawn fuq]
(5) *jew*	[10.6.C.3 huma nagħaġ tal-ġenotip ARR/ARR *prion protein*, kif definit fl-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/1003/KE, ġejjin minn azjenda fejn ma ġie rrapurtat ebda każ ta' *scrapie* fl-aħħar sitt xhur;]
(5)(17)	[10.6 D I annimali rreaġixxew b'mod negattiv għal test seroloġiku għall-iskoperta ta' anti-korp għal bluetongue u l-marda emorraġika epiżootika, magħmula f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni ta' demm meħuda fil-bidu tal-perjodu ta' l-iżolament/kwarantina u mill-anqas 28 ġurnata wara fil- ……*(data)* u fil- …….*(data)*, li t-tieni wieħed minnhom irid ikun ittieħed fi żmien 10 ġranet mill-esportazzjoni;]
10.7	huma qed jiġu/kienu(5) mibgħuta mill-azjenda(i) ta' l-oriġini tagħhom, mingħajr ma għaddew minn ebda suq,
(5)	[direttament lejn il-Komunità Ewropea,]
(5)*jew*	[lejn il-punt tal-ġbir uffiċjalment awtorizzat deskritt taħt punt 6.2 li jinsab fit-territorju deskritt taħt punt 10.1,]
	u, sakemm intbagħtu lejn il-Komunità Ewropea: a) huma ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra b'difirhom maqsum li ma jissodisfawx ta' l-anqas l-istess kundizzjonijiet ta' saħħa meħtieġa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat, u b) huma ma kienu f'ebda post fejn, jew li madwaru f'raġġ ta' 20km, matul it-30 ġurnata ta' qabel kien hemm każ/tifqigħa ta' kwalunkwe mill-mardiet imsemmija taħt punt 10.1;
10.8	kwalunkwe vetturi jew konteniturі tat-trasport li fihom tgħabbew ġew imnaddfa u diżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant uffiċjalment awtorizzat;
10.9	huma ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija u ma wrew ebda sinjal kliniku ta' mard;
10.10	huma tgħabbew biex jintbagħtu lejn il-Komunità Ewropea fil- …….. (18) fil-mezzi tat-trasport deskritti taħt punt 7 hawn fuq li ġew imnaddfa u diżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant uffiċjalment awtorizzat u mibnija b'tali mod li ħmieġ, urina, żibel jew għalf tal-bhejjem ma setgħux inixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew il-kontenitur matul it-trasportazzjoni.
11.	**Ċertifikazzjoni tat-trasport ta' l-annimali** Jien, veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq ġew ittrattati qabel u fil-ħin tat-tagħbija f'konformità mal-provvedimenti relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, b'mod partikolari rigward tisqija u għalf, u li huma f'saħħithom biżżejjed għat-trasport maħsub.
	Timbru uffiċjali u firma Magħmul fi ……..... fil- ..... (firma tal-veterinarju uffiċjali) (timbru) (isem f'ittri kbar, kwalifiki u titolu)

Noti

(1) Nagħaġ ħajjin (*Ovis aries*) u mogħoż (*Capra hircus*) intiżi għat-tnissil jew produzzjoni.
Wara l-importazzjoni l-annimali jridu jiġu ttrasportati mingħajr dewmien lejn l-azjenda destinatarja fejn huma għandhom jibqgħu għal perjodu minimu ta' 30 ġurnata qabel aktar spostamenti 'l barra mill-azjenda, ħlief fil-każ ta' dispaċċ lejn biċċerija.
(2) Maħruġ mill-awtorità kompetenti.
(3) Pajjiż u kodiċi tat-territorju kif jidhru f'Parti 1 ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar).
(4) In-numru(i) tar-reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew it-trakk u l-isem tal-vapur iridu jingħataw kif jeħtieġ. Jekk inhu magħruf, in-numru tat-titjira ta' l-ajruplan.
Fil-każ ta' transport f'konteniturі jew kaxex, l-ammont totali, in-numri tar-reġistrazzjoni u tas-siġill tagħhom, jekk hemm, għandhom jiġu indikati taħt punt 7.3.
(5) Żomm kif jeħtieġ.
(6) Imla jekk jeħtieġ.

(7) Il-punt tal-ġbir għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stipulat f'Parti 3.B ta' dan l-Anness I.
(8) L-annimali għandu jkollhom:
a) numru individwali li jippermetti s-sejba tal-post ta' l-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (jiġifieri tikketta, tatwaġġi, marka, ċipp, transponder) u l-post anatomiku użat fl-annimal,
b) tikketta mal-widna li tinkludi l-kodiċi ta' l-ISO tal-pajjiż li qed jesporta.
Fil-każ ta' konsenja ta' aktar minn speċi wieħed ta' annimal, indika wkoll "ovini" u "kaprini" kif jeħtieġ.
(9) Età (xhur). Sess (M = maskili, F = femminili, K = kastrat).
(10) Testijiet li saru fuq l-annimal, meta jeħtieġ, qabel jintbagħtu għall-esportazzjoni. Uża fl-ordni li ġejja, kif jeħtieġ, il-kodiċi li jidentifikaw il-mardiet li saru testijiet għalihom f'konformità ma' punt (12) Bruċellosi (*B. melitensis u B. ovis*) - kodiċi "BRL" - , punt (13) Bluetongue - kodiċi "BTG"- u Marda emorraġika epiżoodika - kodiċi "EHD"-.
(11) Biss għal territorju li jidher bl-annotazzjoni " **V** " f'kolonna 6 ta' Parti 1 ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar).
(12) In-numru rappreżentattiv ta' annimali li għandhom jiġu ttestjati għal bruċellosi għandhom, għal kull azjenda, jikkonsistu minn:
- l-annimali maskili kollha mhux ikkastrati, li ma tlaqqmux kontra l-bruċellosi, li għandhom aktar minn sitt xhur,
- l-annimali maskili kollha mhux ikkastrati, li tlaqqmu kontra l-bruċellosi, li għandhom aktar minn 18-il xahar,
- l-annimali kollha miġjuba fl-azjenda sa minn wara l-aħħar testijiet, u
- 25% ta' l-annimali femminili ta' età riproduttiva (sesswalment maturi) jew li qed ireddgħu, sa minimu ta' 50 annimal femminili.
(13) Dan irid jitlesta meta d-destinazzjoni hija Stat Membru jew parti minn Stat Membru stipulat f'wieħed mill-Annessi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE (kif emendata l-aħħar).
(14) F'konformità ma' Parti 3.C ta' dan l-Anness I.
Fejn aktar minn azjenda ta' oriġini waħda hi involuta d-data tat-test l-aktar reċenti ta' kull azjenda għandu jkun indikat b'mod ċar.
(15) Fil-każ ta' annimali maħsuba, b'mod esklużiv, għal skopijiet ta' tnissil.
(16) Garanziji relatati ma' programm ta' kontroll ta' *scrapie*, kif rikjest mill-Istat Membru destinatarju, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15 u l-Anness IX, Kapitolu E tar-Regolament tal-Kunsill Nru 999/2001.
(17) Garanziji supplementari li għandhom jiġu pprovduti meta rikjesti f'kolonna 5 "SG" ta' Parti 1 ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar), bl-annotazzjoni " **A** ". Testijiet għall-Bluetongue u għall-Marda emorraġika epiżootika f'konformità ma' Parti 3.C ta' dan l-Anness I.
(18) Data tat-tagħbija. L-importazzjoni ta' dawn l-annimali m'għandhiex tiġi permessa meta l-annimali tgħabbew qabel id-data ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea mit-territorju msemmi taħt (3), jew matul perjodu li fih ġew adottati miżuri restrittivi mill-Komunità Ewropea kontra l-importazzjoni ta' dawn l-annimali minn dan it-territorju."